**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

12 ta' Ġunju, 2022

# IL-FESTA

**Ftit jiem ilu, waqt li konna qegħdin niġbru bieb bieb, għall-festa ta' ġewwa, kellmitni waħda Ingliża u qaltli "Smajt kemm tħobbu tiffesteġġjaw intom il-Maltin". Imbagħad qaltli wkoll li għalkemm fl-Ingilterra mhux kulħadd huwa ffissat fuq il-monarkija, kważi kulħadd ħa gost jara l-festi fl-okkażjoni tas-sebgħin sena mindu ilha reġina, Eliżabetta t-Tieni. "Għax dil-festa wriet l-identità tagħna", qaltli l-Ingliża. Din l-aħħar sentenza ħallietni naħseb. Anke l-festa ta' San Pietru u San Pawl għandha tkun turija tal-identità tagħna.**

- Il-festa hija **moviment sħiħ ta' kuluri**, armar fit-toroq, logħob tan-nar, il-Bażilika tiżżejjen bl-oġġetti sagri, dekorazzjonijiet, fjuri ta' kull lewn. Il-ġmiel li jpaxxi l-għajn isir il-mezz tal-espressjoni ta' dak li għandna jew nixtiequ li jkollna fil-qalb tagħna.
- Il-festa għandha **ċentru li huwa Kristu**. Il-festa ġġib bidla għall-aħjar fina jekk aħna nagħmlu esperjenza tal-Mulej Ġesù. U hawnhekk insemmi l-importanza tas-sehem tagħna fil-mumenti l-kbar tal-qrar u tqarbin. Anke jekk m'intix "dilettant" tal-festa, ħalli ħin għalik biex tintefa' f'Alla u forsi tirranġa wkoll ma' min ma ġġerrħux.
- San Pietru u San Pawl fil-festa jgħidulna li jekk irridu nħobbuhom tassew, nippruvaw **nimitawhom** fl-għotja lill-proxxmu, is-sabar, il-Fidi, iż-żelu.
- Fil-festa ma ninsewx lil min hu marid, min qed jiddefendi lil pajjiżu fi gwerra qalila, min ma għandux ilma fil-vit, min ma jsibx ikel x'jiekol.
- Il-festa ġġib magħha **l-ikbar spiża** fin-nefqa kurrenti - mhux inqas minn 16 jew 17-il elf ewro f'temp ta' ftit ġranet. Għadkom fil-ħin biex tagħtu l-offerta tagħkom għall-festa ta' ġewwa.

Ejjew nibżgħu għal xulxin. Ejjew nifirħu fil-festa, filwaqt li nżommu fl-għoli d-dinjità tagħna u tal-oħrajn.

***L-Arċipriet***

**AVVIŻI:**

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 15 ta' Ġunju, fil-Knisja Bażilika u tibda fis-6:15pm. Fiha Mons. Eddie Zammit, Kanċillier tal-Kurja, ser jaqsam magħna l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel Attard. Kulħadd huwa mistieden. Tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive.*

**IKLA TRADIZZJONJALI TAL-IMNARJA FIL-PJAZZETTA NHAR IT-22 TA' ĠUNJU:** nixtiequ navżaw li l-biljetti għall-ikla tradizzjonjali tal-Imnarja, li din is-sena ser tinżamm nhar l-Erbgħa 22 ta' Ġunju fil-Pjazzetta, issa jinsabu għall-bejgħ. Tistgħu tiksbu dawn il-biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali (21551649) jew mingħand Samantha Camilleri (79237505). Il-prezz tal-kbar huwa ta' €30 u tat-tfal €15. Aħsbu kmieni għax il-postijiet huma limitati.

**AVVIŻ KUMITAT FESTI ESTERNI:** din is-sena l-programm tal-festa tal-Imnarja jinkludi fih manifestazzjoni għat-tfal kollha Nadurin bix-xbihat (statwi u inkwatri) tal-qaddisin patruni tagħna San Pietru u San Pawl. Din il-manifestazzjoni se ssir nhar is-Sibt 25 ta' Ġunju u tibda fl-10:00am b'quddiesa fil-knisja parrokkjali, segwita mit-tberik tax-xbihat ta' San Pietru u San Pawl li jkunu ġabu magħhom it-tfal stess. Wara l-manifestazzjoni tkompli barra bis-sehem tat-tfal iġorru xbihat ta' San Pietru u San Pawl u l-banda. Dawk it-tfal li jixtiequ jtellgħu xi xbihat ta' San Pietru u San Pawl sabiex jiġu mbierka huma mitluba jagħtu isimhom fl-Uffiċċju Parrokkjali jew lil Fr Reuben Micallef.

**ENGLISH CORNER**

**The Solemnity of the Most Holy Trinity - 12 June 2022**

Cf. Rv 1:8
"I am the Alpha and the Omega," says the Lord God, "the one who is and who was and who is to come, the almighty."
R. Alleluia, alleluia.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am